Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,120, 24 ta' Lulju, 2001
Taqsima B

A.L. 178 ta' l-2001

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Min Jipprepara l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Min Jipprepara l-Ikel.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2002.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb;

"ċertifikat validu" tfisser kull ċertifikazzjoni fil-pratka tajba ta' l-iġjene ta' l-ikel maħruġa minn xi korp approvat mis-Suprintendent, u ċertifikazzjoni għandha tiftiehem skond ħekk;

"dokument ta' reġistrazzjoni" tfisser forma ta' identifikazzjoni maħruġa mis-Suprintendent lil min jipprepara l-ikel u jkollu liċenza valida u skond il-kategoriji ta' l-Iskeda;

"ikel ta' riskju għoli" tfisser dak l-ikel li, taħt kondizzjonijiet tajba, jiffavorixxi l-moltiplikazzjoni ta' batterji patoġeniċi u li hu maħsub għall-konsum mingħajr ebda trattament li jista' jiddistruġġi dawk il-patoġeni;

"min jipprepara l-ikel" tfisser kull min ikun involut fil-preparazzjoni, manifattura u trattament skond l-Att f'xi negozju ta' l-ikel, sew jekk għal profitt sew jekk le, u li jimmaniġġa jew jipprepara ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem; u l-maniġġ ta' l-ikel għandu jiftiehem skond hekk;

"negozju ta' l-ikel" tfisser kull negozju li meta jkun qed jiġi ġestit, jitwettqu operazzjonijiet kummerċjali dwar l-ikel jew postijiet mnejn jittieħed l-ikel, inkluża l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ikel, u sew jekk dawn isiru għal profitt sew jekk le;

"operazzjoni kummerċjali" dwar ħwejjeġ ta' l-ikel jew materjal ta' kuntatt tfisser xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) li tbiegħ, ikollok għall-bejgħ, u toffri, tqiegħed jew tirreklama għall-bejgħ;

(b) li tikkunsinna, twassal jew isservi bħala bejgħ;

(ċ) li tipprepara għall-bejgħ jew tippreżenta, tagħmel tikketti jew issorr għall-fini ta' bejgħ;

(d) li taħżen jew tittrasporta għall-fini ta' bejgħ;

(e) li timporta jew tesporta,

u, għar-rigward ta' kull post mnejn jittieħed l-ikel, tfisser li tikseb l-ikel minn dak il-post għall-fini ta' bejgħ jew għall-finijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ;

"is-Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Reġistrazzjoni ta' min jipprepara l-ikel.

3. (1) Ħadd ma jista' jagħmilha bħala min jipprepara l-ikel mingħajr ma qabel ikun reġistrat bħala tali mas-Suprintendent.

(2) Ħadd ma jista' jimpjega lil min jipprepara l-ikel f'xi negozju ta' l-ikel jekk ma jkunx reġistrat mas-Supritendent u jkollu dokument ta' reġistrazzjoni korrenti.

(3) Kull min jipprepara l-ikel u japplika biex jiġi reġistrat mas-Suprintendent għandu jkollu ċertifikat validu kif muri fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Identifikazzjoni ta' min jipprepara l-ikel.

4. (1) Kull min jipprepara l-ikel u jkun reġistrat mas-Suprintendent għandu jinħariġlu dokument ta' reġistrazzjoni.

(2) Is-Suprintendent għandu jżomm reġistru ta' kull min jipprepara l-ikel u li jkun inħariġlu dokument ta' reġistrazzjoni.

(3) Dak id-dokument ta' reġistrazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' sentejn jew ta' ħames snin skond ma jkun jiddependi mit-tip ta' ċertifikat validu ppreżentat.

(4) Is-Suprintendent għandu jġedded id-dokument ta' reġistrazzjoni meta jintalab jagħmel hekk sakemm ikun ġie wkoll ippreżentat ċertifikat validu meta ssir it-talba.

(5) Dak id-dokument ta' reġistrazzjoni għandu jkun disponibbli għall-ispezzjon minn uffiċjal awtorizzat meta jiġi hekk mitlub.

Ħlas ta' dritt ta' reġistrazzjoni.

5. Għandu jitħallas lis-Suprintendent dritt ta' lira meta joħroġ jew iġedded dokument ta' reġistrazzjoni. Dak id-dritt għandu wkoll jitħallas għall-ħruġ ta' dokument ta' reġistrazzjoni sostituttiv.

Ħtiġiet mediċi.

6. Min jipprepara l-ikel għandu jagħmel kull eżami mediku jew kura li tista' tkun mehtieġa mis-Suprintendent.

Ħassar A.L. 144 ta' l-1998.

7. Ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Liċenzi għal Ħwejjeġ ta' l-Ikel, huma b'dan imħassra.

SKEDA

(Regolament 3)

Kategorija	**Deskrizzjoni**	**Validità taċ-Ċertifikat**
A	1. Min jipprepara l-ikel u jkun involut fil-preparazzjoni, manifattura, ppakkjar jew thejjija ta' ikel mhux ta' riskju għoli u ikel misrur jew imgeżwer	Sentejn.
	2. Min jipprepara l-ikel u ma jkunx direttament involut fit-thejjija jew il-manifattura ta' l-ikel	Sentejn.
B	Min jipprepara l-ikel u jkun involut fit-thejjija jew il-manifattura ta' ikel ta' riskju għoli, u bejjiegħa bl-imnut u bl-ingrossa li jimmaniġġaw ikel ta' riskju għoli skopert (mhux misrur jew imgeżwer)	Hames snin.